**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA’ GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MIRIAM HAYMAN LL. D.**

**Kumpilazzjoni Nru. 277/02**

**Il-Pulizija**
**(Sp. Chris Pullicino)**

**vs**

**Adrian Axiaq ta’ 22 sena, iben Joseph u Connie**
**Nee Caligari, mwieled Pieta’ fl-24 ta’ Settembru, 1979,**
**u joqghod 60, Triq Santa Theresa, Zabbar, u detentur**
**tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 443979 (M)**

**Illum 20 ta’ Awissu, 2002.**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Adrian Axiaq li gie akkuzat talli gewwa Haz-Zabbar, fl-20 ta’ Frar, 2002 u fil-jiem ta’ qabel:

(1) kellu fil-pussess tieghu, jew that il-kontroll tieghu, u kif ukoll zamm arma tan-nar u cioe ‘shotgun’ tad-ditta BROWNING, numru tas-serje K51NT20102, minghajr licenzja mahruga lilu mill-Kummissarju tal-Pulizija u dan bi ksur tal-Artikolu 3(1) u 3(1a) tal-Kap 66 tal-Ligijiet ta’ Malta.

(2) U aktar talli f’dawn il-gzejjer , fl-istess zmien u cirkostanzi, bhala persuna li giet fil-pussess ta’ l-istess arma tan-nar u munizzjon, naqas minnufih jaghti avviz lill-Kummissarju tal-Pulizija u dan bi ksur tal-Art 9 tal-Ligijiet ta’ Malta,

(3) U aktar talli fl-istess zmien, hin, lok u cirkostanzi xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta kif ukoll barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom,

(4) U aktar talli, sabiex jikseb xi vantagg jew benficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz, u dan bi ksur tal-Artikolu 188 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat in partikolari l-ammissjoni bikrija ta' l-akkuzat fil-hin ta' l-interrogatorju; ghaldaqstant, in kwantu rregistra l-ammissjoni tieghu, qed jigi applikat l-artikolu 392A tal-Kap 9 kif emendat. Rat ukoll l-Artikoli 3, 9, tal Kap 66 u l-artikoli 334, 188 tal-kap 9 u ssibu hati tal-akkuzi fihom dedotti.

Dwar il-piena rat ukoll l-artikoli 17 tal-Kap 9 kif ukoll l-artikolu 19 tal-kap 66. Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena u dwar l-istess se tagmel is-segwenti kumment. Gie suggerit li l-akkuzat ghandu jinghata piena ta' multa u dan in linea mal-gurisprudenza odjerna talli rregistra ammissjoni fi zmien bikri tal-process bil-vantaggi ovvji li dan igib mieghu, kif ukoll minhabba l-fatt li l-fedina penali tieghu hija wahda netta. Ghalkemm dawn bhala fatti mhux in diskussjoni, pero jibqa' l-fatt li l-akkuzat iddikjara li hu disokkupat, tistaqsi ghalhekk din il-Qorti minn fejn se tithallas il-multa fuqu inflitta. Oltre dan din il-Qorti hija prekluza taht il-Kap 66 li tapplika jew l-artikolu 21 ( ghalkemm ma thossx li dan il-kaz kieku biss hekk jimmerita), kif ukoll li tapplika l-provedimenti tal-Kap 152 tal-ligijiet ta' Malta. GHALDAQSTANT wara li rat l-artikoli hawn fuq imsemmija, kkonsidrat anke l-gravita tar-reat taht il-Kap 66, rat l-artikolu 28A tal-Kap 9 u tikkundannah ghal piena karceraraja ta' sitt xhur habs sospizi ghal sena. Tordna wkoll il-konfiska ta' l-arma u munizzjon taghha li nsabu fil-pussess ta' l-akkuzat u dan ai terminu tal-artikolu 19 tal-Kap 66.

Il-Qorti spjegat lil Adrian Agius is-sinifikat ta' sentenza sospiza.

Tibghat dawn l-atti lil Avukat Generali fi zmien li trid il-ligi.

Magistrat Dr Miriam Hayman LL. D.